**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 25 ta' Jannar 2001.

Il-Pulizija
Spettur Paul Vassallo

Vs

Louis Camilleri

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Louis Camilleri ta' 42 sena, bin Saviour u Carmen nee' Abela, imwieled tal-Pieta' fis-6 ta' Ottubru 1958 u li jirresjedi fil-fond "Hacienda" San Gwann , ID Card Nru. 651158 (M);

Talli fid-19 ta' Gunju 2000, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz, billi wahhal set ta' number plates foloz (FU LW 99) fuq vettura tal-ghamla Alfa Spider, (numru ta' registrazzjoni NA Z26500, numru tax-chassis ZAR11650000143237), ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta' number plates foloz (FU

LW99), fuq vettura ohra tal-ghamla ‘Alfa Spider’ numru ta’ registrazzjoni NA Z26500, numru tax-chassis ZAR11650000143237 ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-regolament tal-1994 dwar il-Vetturi Bil-Mutur A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15 (1b) u 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara illi rat l-Artikolu 188 u 189 tal-Kodici Kriminali Kap 9, kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi Bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15 (1b) u 18 tal-kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti fil-waqt li qed issib lill-imputat Louis Camilleri hati ta’ kif akkuzat, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-ligijiet ta’ Malta.

Fir-rigward tal-konfiska tal-vettura, din il-Qorti, wara li semghet lill-istess imputat, ma’ tahsibx illi l-konfiska hi adekwata.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.